**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 73 tal-10 ta' Jannar 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2023, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Ivan Castillo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għat-tweġiba li ngħatat mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4921 dwar l-ispiża relatata mal-Pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Port, fejn din ġiet imwieġba kif ġej:

> "**Onor. Aaron Farrugia:** Ninforma l-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.",

u dan minkejja li din kienet saret diversi drabi bin-numri 2054, 3730, 4034, 4251, 4608, 4831 u 4884. L-Onor. Castillo talab id-direzzjoni tas-Sedja dwar dan.

Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet, li f'kull każ ġew imwieġba illi t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi – kif għamlet diversi drabi, anke f'din il-Leġiżlatura, u senjatament fis-seduti 29, 33 u 36 tal-5, 17 u 24 ta' Ottubru 2022 rispettivament – hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk terġa' tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli.